**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Pierfrancesco Torresi

*Konvenut:* Consiglio dell'Ordine degli Avvocati di Macerata

**Domandi preliminari**

(1) Fid-dawl tal-prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni tal-abbuż tad-dritt u tal-Artikolu 4(2) TUE dwar ir-rispett tal-identitajiet nazzjonali, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni [1], għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali li jirreġistraw fil-lista tal-avukati stabbiliti ċittadini Taljani li jkunu adottaw imġiba abbużiva tad-dritt tal-Unjoni u jipprekludi prassi nazzjonali li tippermetti lil tali awtoritajiet li jirrifjutaw applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fil-lista tal-avukati stabbiliti fil-każ li jeżistu ċirkustanzi oġġettivi li jindikaw li jkun twettaq abbuż tad-dritt tal-Unjoni, bla ħsara, minn naħa, għar-rispett tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, għad-dritt tal-persuna kkonċernata li tressaq proċeduri ġudizzjarji sabiex tasserixxi eventwali ksur tad-dritt ta' stabbiliment u, għaldaqstant, għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-azzjoni amministrattiva?

(2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE, interpretat b'dan il-mod, għandu jiġi kkunsidrat invalidu fid-dawl tal-Artiklu 4(2) TUE sa fejn jippermetti li tiġi evitata l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-aċċess għall-professjoni ta' avukat għall-kundizzjoni li wieħed jgħaddi minn eżami tal-Istat meta tali eżami jkun previst fil-Kostituzzjoni tal-imsemmi Stat u jifforma parti mill-prinċipji fundamentali ta' protezzjoni tal-utenti ta' attivitajiet professjonali u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 83.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-8 ta' Frar 2013 — Green Network SpA vs Autorità per l'energia elettrica e il gas**

**(Kawża C-66/13)**

(2013/C 147/10)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Green Network SpA

*Konvenuta:* Autorità per l'energia elettrica e il gas

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikoli 3(2) u 216 TFUE — li fuq il-bażi tagħhom l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva sabiex tikkonkludi ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni ta' ftehim huwa previst minn att leġiżlattiv tal-Unjoni jew huwa neċessarju sabiex tkun tista' teżerċita l-kompetenza interna tagħha jew jista' jeffettwa r-regoli komuni jew jibdel il-portata tagħhom, bil-konsegwenza doppja li s-setgħa li tikkonkludi ma' Stat terz ftehim li jaffettwa r-regoli komuni jew jibdel il-portata tagħhom jew li jaffettwa qasam li huwa kompletament irregolat mid-dritt Komunitarju u jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni tiġi kkonċentrata f'idejn l-Unjoni nfisha u li din is-setgħa ma tibqax tappartjeni lill-Istati Membri, la individwalment u lanqas kollettivament — kif ukoll l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/77/KE jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali (l-Artikolu 20(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 387/2003) li tissuġġetta r-rikonixximent tal-garanziji tal-oriġini mogħtija minn Stati terzi għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali speċifiku bejn l-Istat Taljan u l-Istat terz?

(2) L-istess regoli tad-dritt Komunitarju jipprekludu l-leġiżlazzjoni nazzjonali hawn fuq imsemmija fil-każ li l-Istat terz huwa l-Konfederazzjoni Svizzera, li hija marbuta mal-Unjoni Ewropea permezz ta' ftehim ta' kummerċ ħieles li ġie konkluż fit-22 ta' Lulju 1972 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1973?

(3) Ir-regoli tad-dritt Komunitarja msemmija fl-ewwel domanda jipprekludu d-dispożizzjoni nazzjonali prevista fl-Artikolu 4(6) tad-Digriet Ministerjali tal-11 Novembru 1999 li jipprovdi li, fil-każ ta' importazzjoni ta' elettriku minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea, l-aċċettazzjoni tat-talba hija suġġetta għall-konklużjoni ta' ftehim bejn l-operatur tan-netwerk nazzjonali u l-awtorità lokali simili li jiddetermina l-modalitajiet għall-verifiki neċessarji?

(4) L-istess regoli tad-dritt Komunitarju jipprekludu b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni nazzjonali hawn fuq imsemmija meta l-ftehim imsemmi fl-Artikolu 4(6) tad-Digriet Ministerjali tal-11 Novembru 1999 huwa ftehim purament taċitu, li ma ġie qatt espost f'att uffiċjali u li huwa s-suġġett ta' sempliċi affermazzjoni tar-rikorrenti, li ma hijiex f'pożizzjoni li tispeċifika d-dettalji tiegħu?

---